11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 25 – IT-TLIETA 12 TA' MEJJU 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 25.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

25.1.1 Talba ta' Kunsillier biex ikun skużat mis-seduta minħabba mpenji bħala student Unversitarju. *Nem con.*

## 25.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

25.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (25) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Matthew Fenech issekonda.

25.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 25.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

25.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras tkellem dwar il-proġett li ġie varat ftit tal-ġranet ilu fi Triq Karmenu Vassallo L-Iklin. Tkellem dwar il-proposta li ssir *charging pillar* għal vetturi li jaħdmu bl-elettriku fejn skont il-pjanta jidher li ser jittieħdu tliet spazji għall-parkeġġ. Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li fi Triq Patri Marjanu Vella li tiġi t-triq immedjata ma' Triq Karmenu Vassallo diġa teżisti charging pillar u ġew allokati tliet (3) spazji għall-vetturi elettriċi. Żied jgħid li d-diffikultà tal-parkeġġ saret waħda akuta fil-lokalità tal-Iklin u għaldaqstant ma jidhirlux li f'distanza daqshekk qasira il-Kunsill jippermetti sabiex jiġu allokati tliet (3) spazji oħra għall-parkeġġ ta' vetturi elettriċi.

## 25.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

25.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-13 ta'April u d-9 ta' Mejju 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (13 April - 9 May 2026 )**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 79 | 13/04/2026 | Rapport li qed isib il-boroż tal-iskart mal-boundary wall tar-residenza tiegħu fi Triq il-Harruba | closed | Triq il-Ħarruba | COUNCIL |
| 80 | 13/04/2026 | Hemm siġar li qed jesporġu 'l barra fi Triq in-Namur u Triq il-Plejju | pending | Triq in-Namur/Triq il-Plejju | COUNCIL |
| 81 | 14/04/2026 | Hemm parti minn bankina difettuża quddiem Broadmeadows fi Triq San Mikiel | closed | Triq San Mikiel | COUNCIL |
| 82 | 14/04/2026 | Hemm ħafna ġrieden kbar li qed joħorġu mill-għalqa ta' Triq Dott. Pawlu Grech. Qed jitlob biex din l-art titnaddaf. | pending | Triq Dott. Pawlu Grech | COUNCIL |
| 83 | 14/04/2026 | Talba biex issir 'speed camera' fi Triq il-Wied għax il-vetturi qed jgħaddu bi speed eċċessiv b'periklu għal terzi. | pending | Triq il-Wied | COUNCIL |
| 84 | 20/03/2026 | Talba għal un/loading bay fi Triq il-Mużika quddiem 25, kumpannija privata | pending | Triq il-Mużika | COUNCIL |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 85 | 21/4/2026 | Arblu msaddad fejn 45 Triq G Curmi | pending | Triq G Curmi | **ENEMALTA** |
| 86 | 23/04/2026 | Hemm it-tappieri ta' Triq il-Wied iħabbtu | pending | Triq il-Wied | **W.S.C** |
| 87 | 20/04/2026 | Caravan parked at Pjazza Ninu Cremona in a corner is obstructing the view for the drivers, to be moved further up | pending | Pjazza Ninu Cremona | **Police** |
| 88 | 20/04/2026 | Ilment fuq muturi tal-kiri qed idumu fl-istess parking għal ġimgħat sħaħ Triq Ġ Galea, San Mikiel | pending | various | **COUNCIL** |
| 89 | 29/04/2026 | Hemm bin tas-sigaretti fi Triq Ġ Abos ħdejn pharmacy li tant huwa mimli b'tissues etc, li cigarette buts qed jaqgħu mal-art | settled | Triq Ġ Abos | **Cleansing** |
| 90 | 29/04/2026 | Talba għal double yellow lines fil-kantunieri ta' taħt il-ġnien fi Triq GE Mercer għax qed jipparkjaw il-vetturi u qed ikunu ta' periklu | pending | Triq GE Mercer | **COUNCIL** |
| 91 | 29/04/2026 | Talba biex titranġa l-bankina ta' quddiem l-ispiżerija fi Triq G Abos għax fiha ħafna rampi. Peress li hija tuża l-wheelchair, qed issibha diffiċli biex timxi minn fuqha. | pending | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 92 | 29/04/2026 | Talba biex jinqata' l-ħaxix fi Triq ir-Razzett L-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 93 | 29/04/2026 | Talba għal Police humps fi Triq ir-Razzett L-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 94 | 28/04/2026 | Biex titranga l-bozza li hemm fil-bus stage ta' taħt Triq P Grech fi Triq Dun Karm għax ikun hemm ħafna dlam | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 95 | 04/05/2026 | Ilment dwar ħafna ġrieden fl-għalqa ta' Triq Dott Pawlu Grech | pending | Triq Dott Pawlu Grech | **SANITÀ** |
| 96 | 05/05/2026 | Id-dwal ta' barra ta' Triq Ċensu Bugeja mhux jixgħel | settled | Triq Ċensu Bugeja | **ENEMALTA** |
| 97 | 05/05/2026 | Hemm bozza fuq arblu nru. S001/28 fi Triq il-Wied, ma' tixgħelx | settled | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 98 | 05/05/2026 | Reminder - Kurduna difettuża fi Triq Ċ Busuttil | settled | Triq Ċ Busuttil | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 99 | 06/05/2026 | Ilment dwar infestazzjoni ġrieden fl-għalqa ta' Triq Dott Pawlu Grech | pending | Triq Dott Pawlu Grech | **SANITÀ** |
| 100 | 06/05/2026 | Ilment dwar ħafna ġrieden fl-għalqa ta' Triq Pawlu Grech | pending | Triq Dott Pawlu Grech | **SANITÀ** |
| 101 | 06/05/2026 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu L026/28 fi Triq Frederick Borg | pending | Triq Fredrick Borg | **ENEMALTA** |
| 102 | 02/05/2026 | Talba għal sleeping policeman behind the stage Triq L F Mizzi c/w Naxxar Service Road, ghax jidħlu bi speed eċċessiv minn Naxxar Road | pending | Naxxar Service road | **COUNCIL** |
| 103 | 06/05/2026 | Dwal ta' barra fi Triq Anton Manuel Caruana mitfi | settled | Triq Anton Manuel Caruana | **ENEMALTA** |
| 104 | 06/05/2026 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu L015/28 fi Triq Alfred Gerada | pending | Triq A Gerada | **ENEMALTA** |
| 105 | 06/05/2026 | Ilment dwar nuqqas ta' parkeġġ fi Triq K Vassallo minħabba linji sofor quddiem ir-residenzi | pending | Triq K Vassallo | **COUNCIL** |
| 106 | 06/05/2026 | Id-dwal ta' barra ta' Triq ES Inglott mhux jixgħel | settled | Triq ES Inglott | **ENEMALTA** |

## 25.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

24.5.1 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jalloka (3) tliet spazji għall-parkeġġ ta' vetturi elettriċi fi Triq Karmenu Vassallo meta diġa hemm diffikultà ta' parkeġġ fl-imsemmija triq minħabba numru ta' garages eżistenti.

24.5.2 Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li wara diskussjoni dwar l-upgrade fl-infrastruttura ta' Triq Karmenu Vassallo, jidher li hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jinforma lill-Aġenzija Infrastructure Malta li l-Kunsill qed joġġezzjona għall-infrastruttura ġdida ta' *charging pillar* fi Triq Karmenu Vassallo għaliex diġa teżisti infrastruttura oħra simili ftit metri 'l bogħod fi Triq P. Marjanu Vella.

Il-problema tal-ispazji għall-parkeġġ hija waħda akuta fl-imsemmija triq u bl-implimentazzjoni ta' tliet parkeġġi ġodda għall-vetturi elettriċi tagħmilha ferm aktar diffiċli għall-istess resident li ta' kuljum isibu diffikultà għal spazji ta' parkeġġ.

## 25.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

25.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

25.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mary Grace Gusman.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

25.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti /servizzi kif jidher hawn taħt:

I. Il-Kunsill awtorizza l-kwotazzjoni ta' servizzi għal tneħħija ta' *grass cutting* u materjal ieħor minn Triq Karmenu Vassallo / Triq Anton Manuel Caruana mill-fornitur Charlie Mifud għall-prezz ta' Eur740 VAT inkluż.
II. Il-Kunsill awtorizza l-kwotazzjoni ta' servizzi ta' Accountancy software sabiex database tiġi trasferita cloud-based to Azure għall-prezz ta' Eur850+VAT & hosting cost Eur150 per month + VAT;

Dawn il-pagamenti ġew approvati waqt is-seduta tal-Kunsill.

## 25.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

25.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

25.7.2 Applikazzjoni PA 02545/26 – 5, Desert Rose, Trejqet il-Poeti, L-Iklin 'Extension of second floor level to façade and addition of staircase to slab above it. Creation of area for services including pv panels and staircase to proposed topmost roof.

Minor extension of balcony projection over back yard and internal alterations to apertures.

25.7.3 Applikazzjoni PA 02562/26, Hillcrest Lodge, Triq Giorgio Locano c/w Triq it-Timu, L-Iklin 'To sanction existing fully detached dwelling as built, including amendments to site extents and internal and external alterations, and variations within the front garden and side curtilage from the approved alignments (front garden setback) established in permit PAPB/4708/87

25.7.4 Applikazzjoni PA 02375/26 – 37 Triq Alfons Maria Galea, L-Iklin 'Correction of site boundary, including sanctioning of minor alterations from approved PA 2315/97.

25.7.5 Applikazzjoni PA 08062/25 – Triq Ġużè Pesci c/w Pjazza Ninu Cremona L-Iklin 'To demolish existing dwelling. excavation of site, construction of basement garages and reservoir, overlying maisonettes, apartments and penthouse (including pool and pv panels).

## 25.8 SKEMA SPI.SCI.02.2026 – FINANZJAMENT – LOKALITAJIET AKTAR NODFA

25.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Matthew Fenech dwar l-iskema SP/SCI/02/2026 – Lokalitajiet aktar nodfa biex il-Kunsill jerġa japplika għal din l-iskema.

25.8.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill għandu jkompli b'dawn l-inizjattivi ambjentali u jerġa jipparteċipa fil-kampanja 'World CleanUp Day'. Ġiet stabbilita l-ġurnata tas-Sibt 26 ta' Settembru.

25.8.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 25.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-EDIZZJONI FESTA FJURI – 16 TA' MEJJU 2026

25.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti update dwar l-avveniment kulturali 'Festa Fjuri – In-Natura iġġib il-ferħ u l-ħajja'.

25.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-programm kollu tal-attivitajiet għall-edizzjoni ta' Festa Fjuri 2026.

Semma kif matul dawn l-aħħar xahrejn, l-Uffiċċju Amministrattiv kien iffukat u mpenjat bil-ħidma tiegħu sabiex itella dan l-avveniment kulturali b'suċċess.

Din l-attività kulturali se tkun qed issir bl-appoġġ finanzjarju tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Informa li preżentement qed issir promozzjoni kemm permezz tal-midja soċjali u kemm permezz ta' mezzi varji ta' komunikazzjoni.

Il-Kunsill ottjena *Risk Assessment* għal din l-attività u l-istess attività hija koperta b'polza ta 'assigurazzjoni. Ġew ukoll ordnati numru sostanzjali ta' barrikati tal-pulizija sabiex tkun salvagwardjata is-Saħħa u s-Sigurtà kemm tal-parteċipanti kif ukoll tal-persuni li jattendu.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' Eur20k VAT inkluż. Il-Kunsill Lokali se jkun obbligat li mas-somma mogħtija lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%.

Wara li l-applikazzjonijiet kollha ġew evalwati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, it-talba tal-Kunsill għall-fondi ġiet aċċettata u l-Kunsill ikkwalifika għall-ammont ta' €18,479.00 (tmintax-il elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro) VAT inkluż.

Fl-aħħarnett, is-Sindku Dott Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li l-Kunsill huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus ta' din l-attività. L-ispejjeż għal din l-attività mhumiex iffinanzjati minn fondi oħra.

## 25.10 ŻVILUPPI DWAR IL-PROĠETT TA' TRIQ KARMENU VASSALLO

25.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kien qed isegwi mill-qrib il-proġett li beda fi Triq Karmenu Vassallo, liema proġett qed isir fuq talba tal-istess Kunsill. Informa li kienet sar site meeting nhar il-5 ta' Mejju fil-preżenza tal-kuntrattur. Żied jgħid li tqassam avviż f'kull residenza ta' Triq Karmenu Vassallo biex ir-residenti jkunu infurmati bil-proġett. Il-Perit assenjat fuq dan il-proġett ser jkun qed jikkomunika mall-Kunsill matul il-korsa tal-proġett.

Is-Sindku żied jgħid li se jkunu għaddejjin bit-tibdil tas-servizz tal-water main, drenaġġ u hemm ukoll xogħlijiet ippjanati mill-Korporazzjoni Enemalta.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' *charging pillar* għall-vetturi elettriċi, din ġiet komunikata waqt il-komunikazzjoni tas-Sindku.

Il-Kunsill wera tħassib serju dwar charging pillar meta ftit metri 'l bogħod hemm charging pillar ieħor preċiżament fi Triq Patri Marjanu Vella. Is-Sindku xtaq jisma l-veduti tal-Kunsillieri dwar l-implimentazzjoni ta' charging pillar ieħor fl-imsemmija triq peress li diġa teżisti diffikultà kbira minħabba l-parkeġġ. Jekk isir charging pillar fl-imsemmija triq, ikun ifisser li r-residenti ser jitilfu (3) spazji għall-parkeġġ.

25.10.2 Wara li saru l-interventi tal-Kunsillieri preżenti dwar din il-materja, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jinforma lill-Aġenzija Infrastructure Malta li l-Kunsill se jkun qed joġġezzjona dwar din l-infrastruttura ġdida minħabba l-problema ta' spazji għall-parkeġġ. Ir-residenti tat-triq diġa qed jilmentaw dwar nuqqas ta' spazji minħabba numru ta' garages eżistenti fit-triq. Bl-allokazzjoni ta' tliet spazji għall-vetturi elettriċi, ser jagħmilha aktar diffiċli li wieħed isib parkeġġ jekk ikomplu jitnaqqru l-ispazji.

25.10.3 Kien deċiż li l-Kunsill jikteb formalment lill-Perit assenjat mill-proġett bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

## 25.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

25.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2026 fil-5.30 pm.

25.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2026 fil-5.30 pm.

25.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.25 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv